

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0131/2008**

3.4.2008

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (rifformolat)  
(COM(2007)0443 – C6-0243/2007 – 2007/0163(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Bernard Lehideux

(Riformulazzjoni – Artikolu 80a tar-Regoli ta' Proċedura)

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI.....	11
ANNEX 1: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI .....	14
ANNEX 2: OPINJONI TAL-GRUPP KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI .....	16
PROĊEDURA .....	18



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (riformolat)  
(COM(2007)0443 – C6-0243/2007 – 2007/0163(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0443),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 150, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0243/2007),
  - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tal-riformulazzjoni ta' l-atti ġuridiċi<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2008 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali bi qbil ma' l-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 80a u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0131/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata hawn taħt u kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Hídma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri

*Emenda*

Il-Kummissjoni, *il-Parlament Ewropew* u

---

<sup>1</sup> ĠU C 77 tat-28.3.2002, p.1.

għandhom jiġu rrappreżentati f' Bord tat-Tmexxija sabiex jikkontrollaw effettivament il-funzjonijiet tal-Fondazzjoni. Dan il-Bord għandu jkun assenjat is-setgħat meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Fondazzjoni u jaħtar id-Direttur.

l-Istati Membri għandhom jiġu rrappreżentati f' Bord tat-Tmexxija sabiex jikkontrollaw effettivament il-funzjonijiet tal-Fondazzjoni. Dan il-Bord għandu jkun assenjat is-setgħat meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Fondazzjoni u jaħtar id-Direttur.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenziji Ewropej deċentralizzati u l-Parlament mhumiex biżżejjed. Il-Membri tal-Parlament spiss mhumiex biżżejjed konxji tal-funzjonijiet li għandhom dawn l-Aġenziji u ta' l-attività reali tagħhom. Sabiex jimtela dan in-nuqqas, ikun utli ferm li l-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea jkun jinkludi rappreżentanti tal-Parlament. Dawn ir-rappreżentanti jistgħu jservu biex iwasslu l-preokkupazzjonijiet tal-Fondazzjoni lill-Membri tal-Parlament. L-idea hi li tinħoloq konnessjoni għal komprensjoni aħjar ta' l-azzjonijiet tagħha.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 (c)**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

c) pajjiżi oħra ddeżinjati bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija **fuq proposta** mill-Kummissjoni, skond il-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea u safejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.

#### *Emenda*

c) pajjiżi oħra ddeżinjati bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija **wara li tingħata opinjoni** mill-Kummissjoni, skond il-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea u safejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.

### *Ġustifikazzjoni*

*Jaqbel li l-Fondazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni ma tiġix imwaqqfa milli tintervjeni f'pajjiżi lil hinn mill-qafas tal-politika tal-viċinat jew tal-programmi ta' qabel l-adeżjoni. L-għarfien espert tagħha jista' jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi ta' l-ACP jew għall-pajjiżi ta' l-Amerka t'Isfel li magħhom l-UE għandha relazzjonijiet mill-qrib. Huwa għalhekk li r-Rapporteur qed jipproponi li l-proċedura li tagħti dritt għal intervent ta' l-Aġenzija lil hinn mill-każijiet previsti fl-Artikolu 1a u 1b tinfetaħ iktar.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 (a)

*Test propost mill-Kummissjoni*

a) li tagħti tagħrif, analiżi tal-politika u pariri dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tar-riżorsi umani ***u r-rabtiet tagħhom ma' għanijiet politiċi usa' fil-pajjiżi msieħba;***

*Emenda*

a) li tagħti tagħrif, analiżi tal-politika u pariri *strateġiċi* dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tar-riżorsi umani;

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li tiċċara l-missjoni tal-Fondazzjoni.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 (a a) (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***aa) li tippromwovi l-għarfien u l-analiżi tas-swieq tax-xogħol nazzjonali u lokali;***

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskop ta' din l-emenda huwa li tissaħħaħ in-nozzjoni ta' "suq tax-xogħol" billi jiġi ppreċiżat li l-funzjonijiet prinċipali tal-Fondazzjoni jinkludu b'mod partikolari s-soċjalizzazzjoni ta' strumenti ta' għarfien tas-swieq tax-xogħol lokali, bħala mezz tad-dimensjoni Ewropea tal-kapital uman.*

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 (3)

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Fondazzjoni għandha tikkoopera mal-korpi l-oħra rilevanti tal-Komunità bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Il-Fundazzjoni għandha tikkoopera, b'mod partikolari, maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) fil-qafas ta' programm ta' ħidma annwali konġunt

*Emenda*

3. Il-Fondazzjoni għandha tikkoopera mal-korpi l-oħra rilevanti tal-Komunità bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Il-Fundazzjoni għandha tikkoopera, b'mod partikolari, maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) fil-qafas ta' programm ta' ħidma annwali konġunt

anness mal-programm ta' ħidma annwali ta' kull aġenzija bil-għan li tkun promossa s-sinerġija bejn l-attivitajiet taż-żewġ aġenziji.

anness mal-programm ta' ħidma annwali ta' kull aġenzija bil-għan li tkun promossa s-sinerġija bejn l-attivitajiet taż-żewġ aġenziji **u jiġi evitat l-indħil fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi u b'hekk il-ħela ta' riżorsi prezżjużi.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Jaqbel li jiġi evitat l-indħil fl-oqsma ta' attività rispettivi tal-Fondazzjoni u ta' entitajiet Komunitarji oħra, b'mod partikolari tas-Cedefop. U dan se jippermetti li ma jinħlewx riżorsi umani u finanzjarji.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### **Bord ta' Tmexxija**

1. Il-Fondazzjoni għandu jkollha Bord tat-Tmexxija li jkun jikkonsisti f'**sitt** rappreżentanti ta' l-Istati Membri u sitt rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba.

Ir-rappreżentanti jistgħu jinbidlu minn sostituti, maħtura fl-istess waqt.

2. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri għandhom jinħatru mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom fl-oqsma ta' ħidma tal-Fondazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha taħtar ir-rappreżentanti tagħha stess.

Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba **għandhom jinħatru mill-Kummissjoni.**

#### *Emenda*

#### **Bord ta' Tmexxija**

1. Il-Fondazzjoni għandu jkollha Bord tat-Tmexxija li jkun jikkonsisti f'**sitt** rappreżentanti ta' l-Istati Membri, **tliet rappreżentanti tal-Parlament Ewropew** u sitt rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba.

Ir-rappreżentanti jistgħu jinbidlu minn sostituti, maħtura fl-istess waqt.

2. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri għandhom jinħatru mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom fl-oqsma ta' ħidma tal-Fondazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha taħtar ir-rappreżentanti tagħha stess **u r-rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba fuq il-bażi ta' l-esperjenza u ta' l-għarfien espert tagħhom fl-oqsma ta' ħidma tal-Fondazzjoni.**

**Il-Parlament Ewropew għandu jaħtar ir-rappreżentanti tiegħu stess.**



Il-**Kummissjoni** u l-Kunsill għandhom jaħdmu biex jiżguraw rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' rġiel u nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

Il-**Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni** għandhom jaħdmu biex jiżguraw rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' rġiel u nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 10 (1), l-ewwel subparagrafu

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jkun maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati **proposta** mill-Kummissjoni, **għal perjodu ta' ħames snin**. Qabel ma jinħatar, **il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu/tagħhom.**

*Emenda*

1. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jkun maħtur mill-Bord ta' Tmexxija **għal perjodu ta' ħames snin** fuq il-bażi ta' lista ta' **mill-inqas tliet** kandidati **mressqa** mill-Kummissjoni. Qabel ma jinħatru, **il-kandidati għal dan il-post jiġu mistiedna jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġbu mistoqsijiet li jagħmlulhom il-membri tiegħu/tagħhom.**

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 13 (4 a) (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jippreżenta r-rapport annwali tal-Fondazzjoni quddiem il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenziji Ewropej deċentralizzati u l-Parlament Ewropew mhumiex biżżejjed. Il-Membri tal-Parlament spiss mhumiex biżżejjed konxji tal-funzjonijiet li għandhom dawn l-Aġenziji u ta' l-attività reali tagħhom. Illum id-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ta' kull sena jilqa' l-istedina tal-kumitat parlamentari għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali. Huwa mixtieq li l-miġja tad-Direttur ta' l-Aġenzija fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali tiġi istituzzjonalizzata.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli msemmija hawn fuq u, partikolarment il-proċeduri baġitarji u tar-rilaxx, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jitolbu fi kwalunkwe waqt, **u partikolarment mal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni.**

#### *Emenda*

Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli msemmija hawn fuq u, partikolarment il-proċeduri baġitarji u tar-rilaxx, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jitolbu fi kwalunkwe waqt li ssir seduta ta' smiġħ mad-Direttur dwar kwalunkwe suġġett marbut ma' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Rapporteur qed jipproponi li tiġi istituzzjonalizzata l-preżentazzjoni tar-rapport annwali fil-qafas ta' l-Artikolu 13.*

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### Kuntest

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ETF" jew "il-Fondazzjoni", hija aġenzija deċentralizzata ta' l-Unjoni Ewropea (UE) maħluqa bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990<sup>1</sup> li s-sede tagħha tinsab f'Turin, fl-Italja.

Skond ir-Regolament tat-twaqqif tagħha, l-għan globali ta' l-ETF huwa li tagħti kontribut fl-iżvilupp ta' sistemi ta' taħriġ vokazzjonali f'pajjiżi msieħba li jaqgħu fl-ambitu ġeografiku tagħha.

L-ETF kienet maħluqa oriġinarjament biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-programm ta' għajnuna esterna, PHARE, fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali. Madankollu, wara tliet emendi konsekuttivi lir-Regolament tat-twaqqif tagħha, l-ETF akkwistat ambitu ġeografiku usa' li jkopri wkoll il-pajjiżi tal-programmi preċedenti TACIS, CARDS u MEDA.

Sa mill-aħħar emenda lir-Regolament, fil-politiki ta' l-UE, kemm fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ kif ukoll fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, sar żvilupp kbir fil-perspettivi tagħhom. Minbarra dan, ġew adottati strumenti ġodda għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-politiki. Hija għalhekk neċessarja emenda ġdida lir-Regolament tat-twaqqif tal-Fondazzjoni biex jitqiesu l-iżviluppi reċenti, biex jiġu aġġornati l-irwol u l-funzjoni tagħha u biex ikun hemm bażi soda għall-ħidma tagħha fil-ġejjieni.

### 1/ Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika proposta għar-riformolazzjoni tar-Regolament hija l-Artikolu 150 tat-Trattat dwar it-taħriġ vokazzjonali, u speċjalment il-paragrafu 3 tiegħu, li jistipula li "*Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali*".

Jidher li din il-bażi ġuridika hija l-iżjed waħda adegwata għar-Regolament li jwaqqaf l-ETF.

### 2/ L-ambitu ta' kompetenza tal-Fondazzjoni għandu jkun jinkludi t-tagħlim tul il-ħajja u l-kwistjonijiet relatati mas-swieq tax-xogħol

Ir-Rapporteur jappoġġa r-rieda tal-Kummissjoni li tittieħed nota ta' l-estensjoni tan-nozzjoni ta' taħriġ professjonali.

It-taħriġ professjonali tradizzjonalment jirreferi għal proċedura li tagħti kompetenzi professjonali ta' użu immedjat fis-suq tax-xogħol.

Ir-Rapporteur iqis li l-ambitu tematiku ta' l-ETF għandu jitwessa', biex ikopri l-iżvilupp tar-

---

<sup>1</sup> ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

riżorsi umani, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' taħlim tul il-ħajja, kif ukoll kwistjonijiet relatati dwar is-suq tax-xogħol.

### **3/ Il-kamp ta' azzjoni ġeografika tal-Fondazzjoni għandu jkun jista' jittwessa' skond il-prijoritajiet tal-politika ta' l-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni**

Il-Kummissjoni tipproponi li l-kamp ta' azzjoni ġeografika primarju ta' l-ETF jiġi attwalizzat b'referenza għall-Istrument ta' Qabel is-Sħubija (IPA – Instrument for Pre-Accession) u għall-Istrument Ewropew tal-Viċinat u l-Partenarjat (ENPI – European Neighbourhood and Partnership Instrument). Ir-Rapporteur jappoġġa din l-attwalizzazzjoni.

Iżda huwa konvint li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha tkun tista' tintervjeni fil-pajjiżi kollha msieħba ta' l-UE, inkluż fil-pajjiżi lil hinn mill-qafas tal-politika tal-viċinat jew tal-programmi ta' qabel l-adeżjoni, bħall-pajjiżi taż-żona Afrika Karajbi Paċifiku (ACP) u ta' l-Amerka t'Isfel.

Eżempju ta' l-użu potenzjali ta' l-ETF jista' jkun l-appoġġ tal-politiki tat-taħriġ f'pajjiżi affettwati mir-riforma tal-COM fiz-zokkor. Fil-fatt, dawn il-pajjiżi ġew kostretti jibdew riforma fil-fond ta' l-attività industrijali taħthom, saħansitra wkoll li jaqgħmlu diversifikazzjoni ta' l-attivitàjiet taħthom. Dan l-iżvilupp għamel neċessarju li jkun hemm adattament tar-riżorsi umani li l-ETF seta' jikkontribwixxi għaliha b'mod utli.

F'dan il-kuntest, ir-Rapporteur iqis li l-proċedura proposta mill-Kummissjoni sabiex il-Fondazzjoni tkun tista' twettaq xogħolha fil-pajjiżi li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' azzjoni prinċipali taħthi hija ristretta wisq. Huwa għalhekk li r-Rapporteur qed jipproponi li l-proċedura li taħti dritt għal intervent ta' l-Aġenzija lil hinn mill-każijiet previsti fl-Artikolu 1a u 1b issir iktar flessibbli.

### **4/ Ir-relazzjonijiet bejn il-Fondazzjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jissaħħu**

Ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenziji Ewropej deċentralizzati u l-Parlament mhumiex biżżejjed. Il-Membri tal-Parlament spiss mhumiex biżżejjed konxji tal-funzjonijiet li għandhom dawn l-Aġenziji u ta' l-attività reali taħthom.

Ir-Rapporteur huwa konvint mill-ħtieġa li tinħoloq rabta bejn il-Parlament u l-Fondazzjoni sabiex tiġi favoreggata fehma aħjar ta' l-azzjonijiet tal-Fondazzjoni min-naħa tal-Membri Parlamentari.

Ir-Rapporteur iqis li l-ewwelnett ikun utli ferm li l-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni jkun jinkludi rappreżentanti tal-Parlament. Dawn ir-rappreżentanti jistgħu jservu biex iwasslu l-preokkupazzjonijiet tal-Fondazzjoni lill-Membri Parlamentari kollha. Minbarra dan, il-Parlament diġà jaħtar ir-rappreżentanti f'Aġenziji oħra ta' l-UE<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Artikolu 8 tar-Regolament 1210/90), **Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Artikolu 14 tar-Regolament 851/2004)**, Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (Artikolu 25 tar-Regolament 178/2002), Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Artikolu 65 tar-Regolament 726/2004), **Osservatorju Ewropew tad-drogi u tat-tossikomaniji (Artikolu 8 tar-Regolament 302/93)**, **Aġenzija Ewropea tal-Prodotti Kimiċi (Artikolu 79 tar-Regolament 1907/2006)**.

Bl-istess għan li jiġu favoreġġati l-iskambji bejn il-Parlament u l-Fondazzjoni, ir-Rapporteur qed jipproponi illi, matul it-tiġdid tal-post tad-Direttur tal-Fondazzjoni, il-kumitati parlamentari kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet utli kollha lill-kandidati proposti mill-Kummissjoni.

Fl-aħħarnett, ir-Rapporteur qed jipproponi li l-miġja tad-Direttur ta' l-Aġenzija quddiem il-Parlament matul il-pubblikazzjoni tar-Rapport annwali ssir obbligatorja. Sa minn bosta snin 'l hawn, id-Direttur tal-Fondazzjoni jintervjeni darba fis-sena fil-Parlament, fuq stedina mill-kumitat parlamentari għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, iżda din l-istedina għalissa għadha mhijiex formalizzata.

### **5/ Ħatra tad-Direttur tal-Fondazzjoni**

Sabiex il-Bord ta' Tmexxija jkun jista' jeżerċita s-setgħa ta' deċiżjoni tiegħu b'mod validu, il-Kummissjoni għandha ttipproponi numru minimu ta' tliet kandidaturi.

## ANNEX 1: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI  
CHAIRMAN

Ref.: D(2007)4179

Is-Sur Jan ANDERSSON  
Chairman tal-Kumitat għall-Impjiegi  
u l-Affarijiet Soċjali  
ASP 14G306  
Brussell

Suġġett: *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (COM(2007)443 finali - C6-0243/07 2007/0163 COD) (riformulazzjoni)*

Sinjur,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li tiegħu jien iċ-Chairman, eżamina l-proposta msemmija hawn fuq skond l-Artikolu 80a rigward ir-Riformulazzjoni kif imdaħħal fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament b'deċiżjoni tal-Parlament fl-10 ta' Mejju 2007.

Il-Paragrafu 3 jgħid hekk:

*"Jekk il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jikkonkludi li l-proposta ma tinvolvi tibdil sostanzjali, huwa għandu jirreferiha lill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu.*

*F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 150 u 151, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.*

*Madankollu, emendi tal-partijiet li ma nbidlux jistgħu jiġu ammessi fuq bażi eċċezzjonali u skond il-każ miċ-chairman ta' dan il-Kumitat jekk iqis li raġunijiet relatati mal-koerenza interna tat-test jew mar-rabta ma' emendi oħra ammissibbli jkunu jeżiġu li dan isir. Dawn ir-raġunijiet għandhom jitniżżlu f'ġustifikazzjoni miktuba ta' l-emendi".*

Skond l-opinjoni tas-Servizz Legali, li r-rappreżentant tiegħu ħa' sehem fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li eżamina l-proposta għar-riformulazzjoni, u bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li l-proposta in kwistjoni ma' tinkludix tibdil sostanzjali għajr dak identifikat mill-proposta stess, u rigward il-kodifikazzjoni ta' dan it-tibdi fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li ma jinbidlux ta' l-atti preċedenti, iqis li l-proposta fiha biss kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom.

Madankollu, skond l-Artikoli 80a(2) u 80(3), il-Kumitat għall-Affarijiet Legali qies li l-adattamenti tekniċi suġġeriti fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma msemmi hawn fuq kienu neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-proposta tkun konformi mar-regoli tal-kodifikazzjoni u li ma tinvolvix xi tibdil sostanzjali tal-proposta.

Biex intemm, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bi 18-il vot favur<sup>1</sup>, jirrakkomanda li l-Kumitat tiegħek, bħala l-kumitat responsabbli, iwettaq eżami tal-proposta hawn fuq filwaqt li jirrispetta s-suġġerimenti li fiha u skond l-Artikolu 80a.

Dejjem Tiegħek,

Giuseppe GARGANI

---

<sup>1</sup> Il-Membri parlamentari li ġejjin kienu preżenti: Giuseppe Gargani (Chairman), Bert Doorn, Klaus-Heiner Lehne, Hartmut Nassauer, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Katalin Lévai, Antonio Masip Hidalgo, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Diana Wallis, Francesco Enrico Speroni, Jean-Paul Gauzès, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Jacques Toubon, Costas Botopoulos.

## ANNEX 2: OPINJONI TAL-GRUPP KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

Brussell, 15.10.2007

### OPINJONI

#### GĦALL- PARLAMENT EWROPEW KUNSILL KUMMISSJONI

#### **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (riformulat). COM(2007) 443 finali tal-25.7.2007 - 2007/0163 (COD)**

Wara li ġiet ikkunsidrata l-Ftehma Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni ta' atti legali, u b'mod partikolari l-punt 9 tagħha, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fit-13 ta' Settembru 2007 biex jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq imressqa mill-Kummissjoni.

F'din il-laqgħa<sup>1</sup>, eżami tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ wassal lill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv biex, bi qbil komuni, jistabbilixxi li l-partijiet li ġejjin tat-test għal proposta ta' riformulazzjoni kellhom jiġu identifikati bl-użu tat-tip bi sfond griż użat biex isir tibdil sostanzjali:

- it-titolu ġdid ta' l-Artikolu 4 ("*Trasparenza*");
- fl-Artikolu 7(3), il-kelma "*tlieta*" (li diġà kienet ġiet immarkata b'żewġ linji)(;
- fl-Artikolu 8(3), il-kelma "*sempliċi*" (li diġà kienet ġiet immarkata b'żewġ linji)(;
- fl-Artikolu 15(4), il-kliem "*eliġibbli*" (li diġà kienet ġiet immarkata b'żewġ linji)( u "*imsieħeb*" (li kienet ġiet ippreżentata bejn vleġeġ ta' adattament);
- fl-Artikolu 24(2), iż-żewġ drabi li dehret il-kelma "*evalwazzjoni*".

---

<sup>1</sup>Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-proposta minbarra l-Bulgaru u r-Rumen, u ħadem fuq il-bażu tal-verżjoni Ingliża, peress li din hija l-lingwa oriġinali tat-test li kien qed jiġi diskuss.



B'konsegwenza ta' dan, l-eżami tal-proposta ppermetta lill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li jikkonkludi bi qbil komuni li l-proposta ma fiha l-ebda emenda sostanzjali minbarra dawk identifikati in kwantu tali fiha jew f'din l-opinjoni. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda wkoll li, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li baqgħu inalterati ta' l-att preċedenti b'dawk l-emendi sostanzjali, il-proposta fiha kodifikazzjoni diretta tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil fis-sustanza tagħhom.

C. PENNERA  
Jurisconsult

J.-C. PIRIS  
Jurisconsult

M. PETITE  
Direttur Ġenerali

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Riformulat)
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0443 – C6-0243/2007 – 2007/0163(COD)
<b>Data meta ġie preżentat lill-PE</b>	25.7.2007
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 24.9.2007
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 24.9.2007
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	JURI 3.10.2007
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Bernard Lehideux 11.9.2007
<b>Eżami fil-kumitat</b>	23.1.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	2.4.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30 -: 16 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Andersson, Edit Bauer, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Milan Cabrnach, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Proinsias De Rossa, Harlem Désir, Harald Ettl, Richard Falbr, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Stephen Hughes, Karin Jöns, Ona Juknevičienė, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Jan Tadeusz Masiel, Jiří Maštálka, Elisabeth Morin, Csaba Öry, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Rovana Plumb, Jacek Protasiewicz, Bilyana Ilieva Raeva, Elisabeth Schroedter, Jean Spautz, Gabriele Stauner, Ewa Tomaszewska, Anne Van Lancker
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean Marie Beaupuy, Beniamino Donnici, Donata Gottardi, Dieter-Lebrecht Koch, Magda Kósáné Kovács, Sepp Kusstatscher, Jamila Madeira, Kyriacos Triantaphyllides, Anja Weisgerber, Tatjana Ždanoka